Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Frar 2025
(OR. en)

6492/25

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0276(CNS)

LIMITE

ECOFIN 196
FISC 36

PUBLIC

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni - Qbil politiku

I. INTRODUZZJONI

1. Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni[1] (id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru) tirrifletti b'mod ġenerali, b'ċerti adattamenti meħtieġa mil-liġi tal-UE, ir-regoli mudell, maqbula fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti ("il-Qafas Inklużiv"), dwar riforma tar-regoli internazzjonali dwar it-tassazzjoni tal-profitti tal-akbar intrapriżi multinazzjonali.

[1] ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1–58 ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2523/oj.

2. It-tassazzjoni minima effettiva, li tikkostitwixxi t-"Tieni Pilastru", hija bbażata fuq żewġ regoli ewlenin (imsejħa r-regoli "GloBE") – ir-regola ta' inklużjoni tal-introjtu (IIR) u r-regola dwar il-pagamenti sottontaxxati (UTPR) – li huma maħsuba biex jiżguraw li l-profitti magħmula minn gruppi multinazzjonali b'fatturat ta' mill-inqas EUR 750 miljun jiġu ntaxxati b'rata effettiva ta' mill-inqas 15 %. Id-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru hija mfassla biex tiżgura li gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali (gruppi MNE) kbar iħallsu livell minimu ta' taxxa fuq l-introjtu li jirriżulta f'kull ġuriżdizzjoni fejn joperaw. L-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli jridu jikkalkulaw ir-rata tat-taxxa effettiva tagħhom għal kull ġuriżdizzjoni fejn joperaw u jħallsu taxxa kumplimentari għad-differenza bejn ir-rata tat-taxxa effettiva tagħhom għal kull ġuriżdizzjoni u r-rata minima tat-taxxa ta' 15 %. L-Artikolu 44 tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru jistabbilixxi obbligu li tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari (TTIR). It-TTIR għandha tiġi ppreżentata bl-użu ta' mudell standardizzat.

3. Sabiex din is-sistema taħdem b'mod effettiv, huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-awtoritajiet tat-taxxa jirċievu u awtomatikament jagħmlu skambju ta' informazzjoni rilevanti dwar it-taxxa. Għal dawn l-iskopijiet, l-OECD żviluppat mudell standard (Dikjarazzjoni tal-Informazzjoni dwar il-GloBE jew GIR) li l-entitajiet dikjaranti ta' gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar għandhom ikunu meħtieġa jużaw biex jissodisfaw l-obbligi ta' preżentazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, l-istess bħar-regoli tat-Tieni Pilastru, il-GIR għandha tiġi trasposta fil-liġi tal-UE, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

PUBLIC

4. F'dan il-kuntest, fit-28 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni Ewropea ħarġet proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC9)[2].

5. L-objettiv ewlieni ta' din il-proposta leġiżlattiva huwa li jibdew joperaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru (b'mod partikolari l-Artikolu 44), li tipprevedi li l-ewwel rapportar dwar l-informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari minn gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira jeħtieġ li jsir sat-30 ta' Ġunju 2026. Dan l-objettiv ser jintlaħaq billi:

   a) tiġi stipulata l-formola standard tat-TTIR li l-entitajiet dikjaranti tal-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar (li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tat-Tieni Pilastru) jintalbu jissottomettu, u

   b) id-Direttiva 2011/16/UE tiġi ssupplimentata b'dispożizzjonijiet li jistabbilixxu qafas biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tat-TTIR bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri.

6. Id-DAC9, ladarba tiġi adottata mill-Kunsill, ikollha tiġi trasposta pjuttost malajr fid-dritt nazzjonali mill-Istati Membri kollha, biex jiġu evitati lakuni fir-rapportar dwar it-taxxa. Għalhekk, l-iskeda ta' żmien għat-tlestija ta' dawn in-negozjati għadha stretta.

7. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar din il-proposta leġiżlattiva ġiet adottata fit-12 ta' Frar 2025.[3] L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għadha pendenti.

---

[2] Dok. ST 15004/24 + ADD1.

[3] P10_TA(2025)0013 (ara wkoll id-dok. ST 5822/25).

PUBLIC

II. SITWAZZJONI ATTWALI

8. Il-Presidenza Pollakka tat prijorità lill-ħidma fuq dan il-fajl u stiednet lill-Istati Membri jikkonkludu l-ħidma preparatorja meħtieġa fil-ħin għal-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN f'Marzu 2025. Sa issa, matul il-mandat tal-Presidenza Pollakka, saru erba' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ) (fid-9 u l-24 ta' Jannar, is-17 ta' Frar, u laqgħa tad-WPTQ (Livell Għoli) fis-26 ta' Frar 2025).

9. Wara l-laqgħa tad-WPTQ (Livell Għoli) fis-26 ta' Frar 2025, il-Presidenza għamlet aktar aġġustamenti, li ntlaħaq qbil dwarhom waqt dik il-laqgħa, għall-abbozz ta' Direttiva (emendi għall-Premessa 7 u l-Artikolu 27d(4) (li jibdlu d-data għall-1 ta' Diċembru 2026)). L-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza, li jirrifletti dawn l-emendi, jinsab fid-dokument ST 6503/25.

10. Il-Presidenza hija tal-fehma li dan it-test ta' kompromess issa għandu jilħaq il-bilanċ it-tajjeb u jindirizza t-tħassib imqajjem mid-delegazzjonijiet. Dan it-test għandu jkun bażi tajba biex jiġu ffinalizzati dawn in-negozjati, u kwalunkwe modifika oħra tista' tirriżulta fit-tnaqqis tal-livell eżistenti ta' appoġġ mid-delegazzjonijiet tal-Istati Membri. Għalhekk, il-Presidenza tistenna li d-delegazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'pożizzjoni li jneħħu kwalunkwe riżerva li fadal, u jaċċettaw l-aktar test ta' kompromess reċenti, u li l-kwistjoni ewlenija li tinsab fil-parti III ta' din in-nota ser tissolva.

PUBLIC

III. KWISTJONI EWLENIJA:

Aġġornamenti għat-TTIR: Att delegat tal-Kummissjoni jew att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill

(l-Artikoli 26a, 26b u l-premessa 18)

11. Il-kwistjoni ewlenija li għadha miftuħa f'dawn in-negozjati hija li jintlaħaq qbil dwar il-metodu li għandu jintuża għall-aġġornament tal-formola standard tat-TTIR (it-Taqsima IV tal-Anness VII tad-DAC), sabiex tibqa' allinjata mal-aġġornamenti li ġejjin tad-Dikjarazzjoni tal-Informazzjoni dwar il-GloBE (GIR) standardizzata stabbilita fil-ftehim dwar il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS).

12. Minbarra l-possibbiltà li l-Anness jiġi emendat permezz ta' Direttiva tal-Kunsill (skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali), feġġew żewġ opzjonijiet ewlenin:

    a) is-setgħat għall-aġġornament tal-formola standard tat-TTIR jiġu ddelegati lill-Kummissjoni (din l-opzjoni kienet parti mill-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għad-DAC9); jew

    b) il-formola standard tat-TTIR tiġi adottata permezz tal-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill.

13. Fil-laqgħa tad-WPTQ (Livell Għoli) tas-26 ta' Frar 2025, il-maġġoranza tal-Istati Membri setgħu jappoġġaw id-delega tas-setgħat għall-aġġornament tat-TTIR lill-Kummissjoni. Madankollu, xi Stati Membri komplew jopponu din is-soluzzjoni u talbu li l-formola standard tat-TTIR tiġi adottata permezz tal-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, u li dan il-metodu jintuża wkoll biex it-TTIR tiġi aġġornata malajr, ladarba tinqala' tali ħtieġa fuq il-bażi ta' kwalunkwe żvilupp ġdid maqbul tal-GIR.

PUBLIC

14. F'dan l-istadju, fit-test ta' kompromess tal-abbozz ta' Direttiva, il-Presidenza ssostni li s-setgħat għall-aġġornament tat-TTIR jibqgħu kkonferiti lill-Kummissjoni. Madankollu, jekk l-Istati Membri kollha jagħżlu li jaqblu li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu ddelegati lill-Kunsill, it-test ta' kompromess ikollu jiġi rivedut billi jiġu inklużi l-emendi li jinsabu fl-Anness għal din in-nota. L-aġġustament ewlieni jkun it-tħassir tat-Taqsima IV tal-Anness VII, li fiha l-formola standard tat-TTIR, mid-Direttiva.

15. Il-Presidenza tittama li din il-kwistjoni ewlenija pendenti tiġi solvuta fi spirtu ta' kompromess, u l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jaqblu dwar waħda miż-żewġ opzjonijiet (delega ta' setgħat lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill).

IV. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

16. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden:

a) isolvi l-kwistjoni pendenti li fadal u jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test ta' kompromess;

b) jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-laqgħa li jmiss tiegħu, jilħaq qbil politiku dwar it-test tal-abbozz ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC9), bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

PUBLIC

ANNESS

Aġġornamenti tat-TTIR permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill

Kif imsemmi fin-nota tal-Presidenza, jekk id-delegazzjonijiet kollha jaċċettaw is-soluzzjoni li t-TTIR tiġi adottata permezz ta' att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, allura jkollhom isiru l-aġġustamenti li ġejjin għat-test ta' kompromess tal-Presidenza:

1. Il-premessa 18 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

(18) Minħabba li din id-Direttiva toperazzjonalizza l-obbligi ta' preżentazzjoni kif stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 u tistabbilixxi l-obbligu sussegwenti li jsir skambju tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, u minħabba li d-determinazzjoni tal-mudell tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tar-riskju xierqa u jevalwaw il-korrettezza tal-obbligazzjoni ta' taxxa ta' entità kostitwenti skont id-Direttiva (UE) 2022/2523, li għandu impatt fuq il-politiki baġitarji kif ukoll fuq is-sovranità fiskali tal-Istati Membri, huwa importanti li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kunsill biex jiddefinixxi l-mudell standard għall-gruppi MNE sabiex jikkonformaw mal-obbligi tal-preżentazzjoni kif stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523. Għalhekk, jenħtieġ li jkun f'idejn il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jiddefinixxi l-mudell standard u li sussegwentement jaġġornah sabiex jibqa' allinjat mal-formola żviluppata mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS.

2. L-Artikolu 26a u l-Artikolu 26b jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

Artikolu 26a

Mudell standard

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta atti ta' implimentazzjoni biex jiddefinixxi l-mudell standard li għandu jintuża mill-entità kostitwenti dikjaranti ta' grupp MNE biex tissodisfa l-obbligi ta' preżentazzjoni skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva (UE) 2022/2523.

2. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2523, dak il-mudell standard għandu jiġi allinjat mad-Dikjarazzjoni tal-Informazzjoni dwar il-GloBE standardizzata stabbilita fil-ftehim dwar il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS) u ma' kwalunkwe aġġornament ta' dak il-Qafas.

Artikolu 26b

Notifika lill-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni.

3. B'konsegwenza ta' dan, għadd ta' dispożizzjonijiet oħra tat-test ta' kompromess jirrikjedu aġġustament tekniku, minħabba t-tneħħija tal-mudell tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari (it-Taqsima IV tal-Anness VII) mit-test tad-Direttiva. B'mod partikolari:

a) il-Premessa 6;

b) il-Premessa 15;

c) il-Premessa 16;

d) il-Premessa 17;

e) il-Premessa 18;

f) il-Premessa 19 (tħassir tat-test fil-parentesi: "(jiġifieri stipulat fit-Taqsima IV tal-Anness VII ta' din id-Direttiva)");

g) DAC9, Artikolu 1, il-punt (1): (aġġustament tad-DAC, Artikolu 3, il-punt (9), it-tieni subparagrafu);

h) DAC9, Artikolu 1, il-punt (3): (DAC, Artikolu 8ae);

i) DAC9, Artikolu 1, il-punt (8): (l-Artikolu 21(9) propost tad-DAC - it-tħassir tal-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni);

j) DAC9, Artikolu 1, il-punt (11): (DAC, Artikolu 26a);

k) DAC9, Artikolu 1, il-punt (12): (DAC, Artikolu 26b);

l) DAC9, Artikolu 2;

m) DAC9, Anness VII, it-Taqsimiet I u III u t-tħassir tat-Taqsima IV.

PUBLIC